MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1244/2009

**Avukat Raphael Fenech Adami bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Diesel.**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat- 15 ta' Frar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Chal Global Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Diesel datat 21 ta' Dicembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka Diesel.

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* gharrigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita` ta' zraben bil-marki ta' "Diesel" lima oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u huma "*clear cut infringements of Diesel tradmarks*"

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*containers* TRLU 7237028 u AMFU8769280 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-societa' attrici

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 2 sa fol. 4 tal-process.

Rat id-digriet datat 15 ta' Frar 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema' fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati nominati datata 20 ta' April 2010 tal-process fejn esponew:-

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit tal-kuraturi deputati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca ghas-socjeta` attrici li ddikjara m' ghandux iktar provi. Deher Dr. Martin Fenech bhala kutatur deputat li irrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-27 ta' Mejju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn s-socjeta' attrici bhala proprjetarja tal-markju "Diesel" qed tallega li s-socjeta' konvenuta kisret d-drittijiet taghha peress li s-socjeta' konvenuta gabet Malta kwantita' ta' zraben bil-istess marka "Diesel" li izda huma foloz.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontejner AMFU 8769280 u TRLU 7237028 mibghuta mis-socjeta'/entita' konvenuta waslu Malta fit-23 ta' Novembru 2009 u meta l-istess gew miftuha fil-presenza tal-ufficjali tad-dwana kien hemm suspett li 605 kaxxa b'24 par krakar tas-sajf ghall total ta'

14,520 par bil-markju "Diesel", kienu kontrafatti (Dok. "GA"), u fil-fatt gew mizmuma ghal iktar kontrolli mill-ufficjali tad-Dwana, u minn ezamijiet li saru fuq kampjuni tal-istess irrizulta mir-rapport datat 22 ta' Dicembru 2009 (Dok. "GM") li l-istess oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati u t-talbiet attrici qed jigu milqugha

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-istess, u **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li is-socjeta'/entita' konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jeqred tali konsenja ta' krakar tas-sajf kollha spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta *containers* TRLU 7237028 u AMFU 8769280 mis-socjeta'/entita' konvenuta bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici kollox kif fuq indikat f'din id-decizjoni u dan kollox a spejjez tal-istess socjeta'/entita' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita` konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------